IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 11.5.2010
KUMM(2010)230 finali

2010/0123 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet mill-erba' libertajiet (Linji Baġitarji)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-EFTA taż-ŻEEli ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet.

2. L-abbozz tad-Deċiżjoni Konġunta taż-ŻEE, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, huwa mmirat biex jimmodifika l-Protokoll 31 billi jkompli, lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2009, bil-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operazzjoni u l-iżvilupp tas-Suq Intern. Dan jikkonċerna l-linji baġitarji li ġejjin:

   12.01.04.01 L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern – Infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva

   12.02.01 L-implimentazzjoni u l-żvilupp tas-suq intern.

   02.03.01 L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali.

   02.01.04.01 "L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali – L-infiq fuq ġestjoni amministrattiva.

3. L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn fuq proposta mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tissottometti l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal addozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

2010/0123 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet (Linji Baġitarji)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(9) u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-EFTA taż-ŻEE li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet.

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq Intern, għandha tibqa' għaddejja lil hinn mill-31 ta' Diċembru tal-2009. Dan jikkonċerna l-linji baġitarji li ġejjin:

12.01.04.01 L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern – Infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva

12.02.01 L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern.

02.03.01 L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali.

02.01.04.01 "L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali – L-infiq fuq ġestjoni amministrattiva.

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat il-Protokoll 31,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda ppjanata tal-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet hija mniżżla fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
Nru

ta'

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ….[2]

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar azzjonijiiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq Intern, għandha titkompla..

(3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009" fil-paragrafu 6 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010".

2. Il-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008 u 2009" fil-paragrafu 7 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010".

3. Il-kliem "is-snin 2008 u 2009" f'paragrafu 8 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-snin 2008, 2009 u 2010".

---

[2] ĠU L …

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim[3].

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[3] [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.] [Rekwiżiti konstituzzjonali huma indikati.]